



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

4 ta' April 2019\*

“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ revoka – Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva TESTA ROSSA – Dikjarazzjoni parzjali ta’ revoka – Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Prova tal-użu – Użu estern tat-trade mark ikkонтestata – Ugwaljanza fit-trattament”

Fil-Kawżi T-910/16 u T-911/16,

**Kurt Hesse**, residenti f’Nürnberg (il-Ġermanja), irrappreżentat minn M. Krogmann, avukat,

rikorrent fil-Kawża T-910/16,

**Wedl & Hofmann GmbH**, stabbilita f’Mils (l-Awstrija), irrappreżentata minn T. Raubal, avukat,

rikorrenți fil-Kawża T-911/16,

vs

**L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**, irrappreżentat minn M. Fischer, bħala aġent,

konvenut,

il-partijiet l-oħra fil-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali, rispettivament fil-Kawża T-910/16 u fil-Kawża T-911/16, huma,

**Wedl & Hofmann GmbH**,

u

**Kurt Hesse**,

li għandhom bħala suġġett rikorsi ppreżentati kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-5 ta’ Ottubru 2016 (Każ R 68/2016-1), dwar proċedimenti ta’ revoka bejn K. Hesse u Wedl & Hofmann,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla),

komposta minn D. Gratsias, President, I. Labucka u I. Ulloa Rubio (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

\* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li rat ir-rikorsi ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-23 ta' Diċembru 2016,  
wara li rat ir-risposti tal-EUIPO ddepożitati fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Marzu 2017,  
wara li rat ir-risposti tal-intervenjenti ddepożitati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-9 ta' Marzu (Kawża T-910/16) u fit-23 ta' Marzu 2017 (Kawża T-911/16),

fid-dawl tal-assenza ta' tressiq talba għall-iffissar ta' seduta mill-partijiet fit-terminu ta' tliet ġimġhat min-notifika tal-għeluq tal-fażi bil-miktub tal-proċedura u peress li ddeċidiet, b'applikazzjoni tal-Artikolu 106(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, li tagħti deċiżjoni mingħajr ma jkun hemm fażi orali tal-proċedura,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

### Il-fatti li wasslu għall-kawża

- 1 Fit-8 ta' Lulju 2008, ir-rikorrenti fil-Kawża T-911/16 u intervenjenti fil-Kawża T-910/16, Wedl & Hofmann GmbH, ressqet applikazzjoni għal regiestrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea lill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), bis-saħħha tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146), kif emendat (issostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2009, L 78, p. 1), li min-naħa tiegħu ġie ssostitwit bir-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1)).
- 2 It-trade mark li tagħha qed tintalab ir-regiestrazzjoni hija s-sinjal figurattiv, li fir-rigward tiegħu ġew invokati l-kuluri iswed u aħmar (Pantone 186 C), li ġej:



- 3 Il-prodotti u s-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni għar-regiestrazzjoni jaqgħu fil-klassijiet 7, 11, 20, 21, 25, 28, 30, 34 u 38 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice dwar il-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta' Prodotti u Servizzi għall-Finijiet tar-Regiestrazzjoni ta' Trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat, u jikkorrispondu, għal kull waħda minn dawn il-klassijiet, għad-deskrizzjoni li ġejja:
  - Klassi 7: “Magni tad-dħin ta’ kafé minbarra dawk operati bl-idejn (elettriċi)”;

- Klassi 11: “Kaffettieri elettriċi; utensili ta’ tisjir elettriċi, b’mod partikolari apparati għall-ħolqien ta’ xarbiet sħan u kesħin; apparati u magni tal-ġelati”;
  - Klassi 20: “Għamara”;
  - Klassi 21: “Utensili u reċipjenti għal użu domestiku, għall-kċina; apparati (mhux elettriċi) għall-filtrazzjoni tal-kafé; kaffettieri (mhux elettriċi); magni tad-dhīn operat bl-idejn, prodotti tal-ħġieġ, porċellana, b’mod partikolari reċipjenti tal-ħġieġ għall-użu domestiku; tazzi għal xarbiet”;
  - Klassi 25: “Ħwejjeġ, b’mod partikolari ħwejjeġ ta’ ġinnastika u ta’ sport, fradal, qomos, polos u t-shirts; xedd ir-ras”;
  - Klassi 28: “Logħob, ġugarelli; prodotti għall-ġinnastika u għall-isport, b’mod partikolari clubs tal-golf, basktijiet tal-golf, blalen tal-golf, blalen tal-futbol, pali tat-tennis, basktijiet tat-tennis, blalen tat-tennis, mhux inklużi fi klassijiet oħra”;
  - Klassi 30: “Kafé, té, kakaw, zokkor; pastiċċerija u ħlewwiet, ġelati kommestibbli; ċikkulata; xarbiet b’bażi ta’ ċikkulata; ġelwiet”;
  - Klassi 34: “Prodotti għal nies li jpejpju; sulfarini”;
  - Klassi 38: “Telekomunikazzjoni, b’mod partikolari tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ konnessjonijiet ta’ telekomunikazzjoni fuq netwerk informatiku globali”.
- 4 L-applikazzjoni għal trade mark ġiet ippubblikata fil-Bulletin tat-trade marks Komunitarji Nru 43/2008, tas-27 ta’ Ottubru 2008. It-trade mark ġiet irregistrrata fil-11 ta’ Mejju 2009 bin-numru 007070519 għall-prodotti u s-servizzi msemmija fil-punt 3 hawn fuq.
- 5 Fil-15 ta’ Ottubru 2014, ir-rikkorrent fil-Kawża T-910/16 u intervenjent fil-Kawża T-911/16, Kurt Hesse, ippreżenta talba għal revoka parżjali tat-trade mark ikkcontestata fuq il-bażi tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament 2017/1001) għall-prodotti u servizzi li jaqgħu fil-klassijiet 7, 11, 20, 21, 25, 28, 30, 34 u 38 bl-eċċeżżjoni tal-prodotti “kafé, té, kakaw, zokkor; ċikkulata; xarbiet b’bażi ta’ ċikkulata; ġelwiet” li jaqgħu fil-klassi 30.
- 6 Fis-17 ta’ Frar 2015, Wedl & Hofmann ifformulat osservazzjonijiet dwar l-użu tat-trade mark ikkcontestata, fit-terminu mogħti, u talbet iċ-ċaħda tat-talba għal revoka, madankollu mingħajr ma pproduċiet ġabrab tal-provi ta’ użu. Wedl & Hofmann bagħtet bil-posta l-provi tal-użu li waslu għand l-EUIPO fit-23 ta’ Frar 2015, wara l-iskadenza tat-terminu. Fl-10 ta’ Mejju 2015, Wedl & Hofmann ipproduċiet dokumenti supplimentari intiżi sabiex jipprovaw l-użu ġenwin tat-trade mark ikkcontestata.
- 7 Fis-17 ta’ Novembru 2015, id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni rrevokat mid-drittijiet tagħha lil Wedl & Hofmann fir-rigward tal-prodotti u servizzi kollha msemmija mit-talba għal revoka, b’effett mill-15 ta’ Ottubru 2014.
- 8 Fit-13 ta’ Jannar 2016, Wedl & Hofmann ippreżentat appell quddiem l-EUIPO, taħt l-Artikoli 58 sa 64 tar-Regolament Nru 207/2009 (li saru l-Artikoli 66 sa 71 tar-Regolament 2017/1001), kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni.
- 9 Permezz ta’ deċiżjoni tal-5 ta’ Ottubru 2016 (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”), l-Ewwel Bord tal-appell tal-EUIPO laqgħet parżjalment l-appell ta’ Wedl & Hofmann u annullat parżjalment id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni sa fejn hija żammet fis-seħħi ir-reġistrazzjoni tat-trade mark ikkcontestata għar-“reċipjenti għal użu domestiku, għall-kċina; prodotti tal-ħġieġ, porċellana, b’mod partikolari reċipjenti tal-ħġieġ għall-użu domestiku; tazzi għal xarbiet” li jaqgħu fil-klassi 21 u l-“ħwejjeġ, b’mod partikolari fradal, qomos, polos u t-shirts; xedd ir-ras” li jaqgħu fil-klassi 25 (iktar ’il

quddiem il-“prodotti kkontestati li jaqgħu fil-klassijiet 21 u 25”). B’mod partikolari, qabel kollox, il-Bord tal-Appell ikkunsidra li l-provi prodotti tardivament minn Wedl & Hofmann kienu ammissibbli fuq il-bażi tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 95(2) tar-Regolament 2017/1001). F’dan ir-rigward, huwa fakk, fil-punt 22 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 207/2009 kien jagħti lill-EUIPO setgħa diskrezzjonali sabiex jiddeċiedi jekk kienx hemm lok jew le li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatti u l-provi prodotti tardivament u żied li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet digħà ddeċidiet li, bħala regola ġenerali, u sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni kuntrarja, il-produzzjoni ta’ fatti u ta’ provi tibqa’ possibbli wara l-iskadenza tat-termini li għalihom kienet tinsab tali produzzjoni, b’applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 207/2009, u li b’ebda mod ma kien ipprojbit li l-EUIPO tieħu inkunsiderazzjoni fatti u provi hekk tardivament invokati jew prodotti. Sussegwentement, il-Bord tal-Appell enfasizza li l-użu lejn direzzjoni esterna ta’ trade mark ma kienx neċċessarjament ekwivalenti għal użu orjentat lejn il-konsumaturi finali u li n-natura ġenwina tal-użu invokat minn Wedl & Hofmann ma setax jiġi eskluż taħt is-sempliċi fatt li l-atti kummerċjali invokati minnha ma kinux indirizzati lill-konsumaturi finali, iżda lil klijenti industrijali bħal pussessuri ta’ liċenzja jew konċessjoni. Għalhekk, il-Bord tal-Appell ikkunsidra li Wedl & Hofmann, fuq il-bażi tal-provi prodotti, kienet ipprovat l-użu ġenwin tat-trade mark ikkонтestata għal dak li jikkonċerna l-prodotti kkontestati li jaqgħu fil-klassijiet 21 u 25. Fl-aħħar nett, il-Bord tal-Appell ikkunsidra li l-provi kienu insuffiċjenti sabiex jiġi pprovat l-użu tat-trade mark ikkонтestata għall-kumplament tal-prodotti u tas-servizzi msemmija mit-talba għal revoka.

### **It-talbiet tal-partijiet**

#### **Kawża T-910/16**

10 K. Hesse jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiddikjara r-revoka tad-drittijiet ta’ Wedl & Hofmann ukoll għall-prodotti kkontestati li jaqgħu fil-klassijiet 21 u 25;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

11 L-EUIPO u Wedl & Hofmann jitkolli li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiċħad ir-rikors;
- tikkundanna lil K. Hesse għall-ispejjeż.

#### **Kawża T-911/16**

12 Wedl & Hofmann titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla jew tirriforma d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

13 L-EUIPO u K. Hesse jitkolli li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiċħad ir-rikors;
- tikkundanna lil Wedl & Hofmann għall-ispejjeż.

## Id-dritt

- 14 Wara li l-partijiet instemgħu fuq dan il-punt, jeħtieġ li jingħaqdu l-kawżi preżenti għall-finijiet tad-deċiżjoni li ttemm l-istanza, konformement mal-Artikolu 19(2) u mal-Artikolu 68(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġeneral.
- 15 Preliminarjament, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li l-Bord tal-Appell qies li l-provi ta' użu kienu juru użu ġenwin tat-trade mark ikkонтestata għall-prodotti kkontestati li jaqgħu fil-klassijiet 21 u 25. Min-naħa l-oħra huwa kkonkluda li kienet assenti n-natura ġenwina tal-użu tat-trade mark ikkонтestata għall-kumplament tal-prodotti u tas-servizzi msemmija mit-talba għal revoka. Permezz tar-rikorsi rispettivi tagħhom, K. Hesse jitlob li t-talba għal revoka tintlaqa' għall-prodotti u s-servizzi kollha msemmija u Wedl & Hofmann titlob li din tiġi miċħuda fl-intier tagħha.
- 16 Insostenn tar-rikors tiegħu fil-Kawża T-910/16, K. Hesse jinvoka motiv wieħed, ibbażat, essenzjalment, fuq il-ksur tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009.
- 17 Fil-kawża T-911/16, Wedl & Hofmann invokat żewġ motivi, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq il-ksur tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009, tal-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament 2017/1001) u tar-Regola 40(5) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 tat-13 ta' Diċembru 1995 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 189, u r-Rettifika ĠU 2016, L 110 p. 4) (li saret l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1430 tat-18 ta' Mejju 2017 li jissupplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 [...] u li jirrevoka r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 u (KE) Nru 216/96 (ĠU 2017, L 205, p. 1)), moqrija flimkien mar-Regola 22(3) u (4) tar-Regolament Nru 2868/95 (li sar l-Artikolu 10(3) u (4) tar-Regolament Delegat 2017/1430), u, it-tieni wieħed, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.
- 18 Il-Qorti Ĝeneralji jqis li jeħtieġ, fl-ewwel lok, li jiġu ttrattati flimkien il-motiv uniku fil-Kawża T-910/16 u l-ewwel motiv fil-Kawża T-911/16, peress li t-tnejn li huma bbażati, essenzjalment, fuq il-ksur tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009, u, fit-tieni lok, li jiġi ttrattat it-tieni motiv fil-Kawża T-911/16.
- 19 Preliminarjament, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li l-partijiet ma jikkontestawx, fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġeneral, l-ammissibbiltà tal-provi prodotti minn Wedl & Hofmann quddiem id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni.
- 20 Ċertament, fil-punt 5 tan-nota ddepożitata fil-kuntest tal-Kawża T-911/16 u qabel ma ppreżenta l-argumenti tiegħu intiżi li jikkontestaw it-talbiet ta' Wedl & Hofmann fuq il-mertu, K. Hesse jindika li "ir-rikors huwa infondat anki għaliex ir-rikorrenti kkomunikat [...] il-provi tagħha tal-użu [...] wara l-iskadenza tat-terminu tas-17 ta' Diċembru 2015 mogħti lill-[EUIPO]" [traduzzjoni mhux uffiċjal]. Insostenn tal-argumenti tiegħu, K. Hesse jiċċita, barra minn hekk, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, New Yorker SHK Jeans vs UASI (C-621/11 P, EU:C:2013:484).
- 21 Madankollu, sa fejn, permezz tar-risposta tiegħu, K. Hesse ma jitlobx l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata minħabba żball ta' liġi li allegatament wettaq il-Bord tal-Appell billi ħa inkunsiderazzjoni dawn il-provi, iżda jitlob pjuttost iċ-ċaħda tar-rikors ippreżzentat minn Wedl & Hofmann, hemm lok li dan l-argument jiġi miċħud bħala ineffettiv.
- 22 Fl-aħħar nett, anki li kieku kellu jiġi kkunsidrat li, permezz ta' dan l-argument, K. Hesse jitlob, fil-verità, li l-Qorti Ġenerali tiċċad ir-rikors ta' Wedl & Hofmann u tikkonferma d-deċiżjoni kkontestata għal raġuni li ma hijiex dik invokata mill-Bord tal-Appell fl-imsemmija deċiżjoni, tali argument għandu jiġi miċħud. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li l-Qorti Ġenerali twettaq stħarriġ tal-legalità tad-deċiżjonijiet tal-istanzi tal-EUIPO. Jekk hija tikkonkludi li tali deċiżjoni, imqiegħda

inkwistjoni f'rikors ippreżentat quddiemha, hija vvizzjata b'illegalità, hija għandha tannullaha. Hija ma tistax tiċħad ir-rikors billi tissostitwixxi l-motivazzjoni tagħha nnifisha ma' dik tal-istanza kompetenti tal-EUIPO (ara s-sentenza tad-9 ta' Settembru 2010, Axis vs UASI – Etra Investigación y Desarrollo (ETRAX), T-70/08, EU:T:2010:375, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

***Fuq il-motiv uniku fil-Kawża T-910/16 u fuq l-ewwel motiv fil-Kawża T-911/16, ibbażati, esenzjalment, fuq il-ksur tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009***

- 23 Fil-kuntest tal-motiv uniku tiegħu fil-Kawża T-910/16, K. Hesse iqis li l-Bord tal-Appell imissu kkonferma r-revoka kompleta tat-trade mark ikkонтestata.
- 24 Fil-kuntest tal-ewwel motiv tagħha fil-Kawża T-911/16, Wedl & Hofmann issostni, esenzjalment, li hija pproduċiet il-prova tal-użu ġenwin għall-prodotti u servizzi kollha li għalihom it-trade mark għet irreggistrata u mhux biss għall-prodotti kkontestati li jaqgħu fil-klassijiet 21 u 25.
- 25 Skont l-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009, fuq talba ppreżentata quddiem l-EUIPO jew fuq kontrotalba fi proċedimenti ta' ksur, id-drittijiet tal-proprietarju ta' trade mark tal-Unjoni għandhom jiġu rrevokati jekk, għal perijodu mhux interrott ta' ħames snin, ma jkunx sar użu ġenwin tat-trade mark fl-Unjoni Ewropea għall-prodotti jew is-servizzi li għalihom hija tkun irreggistrata u jekk ma jkunx hemm raġunijiet siewja għan-nuqqas ta' użu.
- 26 Skont l-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009, il-prova tal-użu ġenwin ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea tinkludi wkoll il-prova tal-użu tagħha f'forma li tkun differenti permezz ta' elementi li ma jbiddlux il-karatru distintiv tat-trade mark fil-forma li taħtha tkun ġiet irreggistrata.
- 27 Bis-saħħha tar-Regola 22 tar-Regolament Nru 2868/95, applikabbli għall-proċeduri ta' revoka konformement mar-Regola 40(5) tal-istess regolament, il-prova tal-użu ta' trade mark għandha tindika l-post, it-tul ta' żmien, l-importanza u n-natura tal-użu li jkun sar mit-trade mark u għandha tkun limitata, bħala prinċipju, għall-produzzjoni ta' dokumenti ta' sostenn, bħal imballaġġi, tikketti, lista ta' prezziżżejjiet, katalogi, fatturi, ritratti, riklam fil-gazzetti, kif ukoll mad-dikjarazzjonijiet bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 76(1)(f) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 97(1)(f) tar-Regolament 2017/1001) (sentenzi tat-8 ta' Lulju 2004, Sunrider vs UASI – Espadafor Caba (VITAFRUIT), T-203/02, EU:T:2004:225, punt 37, u tal-10 ta' Settembru 2008, Boston Scientific vs UASI – Terumo (CAPIO), T-325/06, mhux ippubblikata, EU:T:2008:338, punt 27).
- 28 Fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' użu ġenwin, jeħtieġ li jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li *r-ratio legis* tar-rekwiżit li t-trade mark kelliu jkun suġġett għal użu ġenwin ma huwa intiż la sabiex jevalwa s-suċċess kummerċjali, u lanqas sabiex jistħarreġ l-istratgeġja ekonomika ta' impriżza, u lanqas ukoll sabiex jirriżerva l-protezzjoni tat-trade mark biss lill-operaturi kummerċjali kwantitativament importanti tagħhom (ara s-sentenzi tat-8 ta' Lulju 2004, MFE Marienfelde vs UASI – Vétoquinol (HIPOVITON), T-334/01, EU:T:2004:223, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tas-27 ta' Settembru 2007, La Mer Technology vs UASI – Laboratoires Goëmar (LA MER), T-418/03, mhux ippubblikata, EU:T:2007:299, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 29 Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza, ikun sar użu ġenwin ta' trade mark meta din tintuża, konformement mal-funzjoni esenzjali tagħha li hija li tiġi għgarantita l-identità tal-oriġini tal-prodotti u tas-servizzi li għalihom hija ġiet irreggistrata, sabiex toħloq jew tikkonserva żbokk għal dawn il-prodotti jew dawn is-servizzi, bl-esklużjoni ta' użu ta' natura simbolika li l-uniku skop tiegħu jkun ż-żamma tad-drittijiet li jirriżultaw mit-trade mark (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Marzu 2003, Ansul, C-40/01, EU:C:2003:145, punt 43). Barra minn hekk, il-kundizzjoni relatata mal-użu ġenwin mit-trade mark tirrikjedi li din tal-aħħar, hekk kif protetta fit-territorju rilevanti, tintuża pubblikament u lejn direzzjoni esterna (ara s-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2004, Vitakraft-Werke Wührmann vs UASI – Krafft (VITAKRAFT), T-356/02, EU:T:2004:292, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-4 ta' Lulju 2014,

Construcción, Promociones e Instalaciones vs UASI – Copisa Proyectos y Mantenimientos Industriales (CPI COPISA INDUSTRIAL), T-345/13, mhux ippubblikata, EU:T:2014:614, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 30 L-evalwazzjoni tan-natura ġenwina tal-użu tat-trade mark għandha tkun ibbażata fuq il-fatti u ċ-ċirkustanzi kollha xierqa sabiex tiġi stabbilita r-realtà tal-operat kummerċjali tagħha, b'mod partikolari l-użu kkunsidrat bħala ġġustifikat fis-settur ekonomiku kkonċernat sabiex jinżammu jew jinħolqu ishma fis-suq favur prodotti jew servizzi protetti mit-trade mark, in-natura ta' dawn il-prodotti jew ta' dawn is-servizzi, il-karatteristiċi tas-suq, il-firxa u l-frekwenza tal-użu tat-trade mark (ara s-sentenza tal-10 ta' Settembru 2008, CAPIO, T-325/06, mhux ippubblikata, EU:T:2008:338, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 31 Barra minn hekk, l-użu ġenwin ta' trade mark ma jistax jiġi pprovat permezz ta' probabbiltajiet jew preżunzjonijiet iżda għandu jkun ibbażat fuq provi konkreti u oġġettivi ta' użu effettiv u sufficienti tat-trade mark fis-suq ikkonċernat (ara s-sentenza tat-23 ta' Settembru 2009, Cohausz vs UASI – Izquierdo Faces (acopat), T-409/07, mhux ippubblikata, EU:T:2009:354, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għaldaqstant, jeħtieġ li ssir evalwazzjoni globali li tqis il-fatturi kollha rilevanti għall-każ inkwistjoni u li tinvolvi ċerta interdipendenza tal-fatturi meħuda inkunsiderazzjoni (ara s-sentenza tat-18 ta' Jannar 2011, Advance Magazine Publishers vs UASI – Capela & Irmāos (VOGUE), T-382/08, mhux ippubblikata, EU:T:2011:9, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 32 Huwa fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti li jeħtieġ li tiġi eżaminata l-analiżi tal-Bord tal-Appell, fir-rigward, minn naħa, tan-natura ġenwina tal-użu tat-trade mark ikkontestata għall-prodotti kkontestati li jaqgħu fil-klassijiet 21 u 25 u, min-naħħa l-oħra, tal-assenza ta' natura ġenwina tal-użu tat-trade mark ikkontestata għall-kumplament tal-prodotti u servizzi koperti mit-talba għal revoka.
- 33 Preliminarjament, jeħtieġ li jiġi osservat li peress li t-talba għal revoka tat-trade mark ikkontestata ġiet imressqa fil-15 ta' Ottubru 2014, il-perijodu ta' ħames snin previst fl-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009, bħalma rrileva ġustament il-Bord tal-Appell fil-punt 43 tad-deċiżjoni kkontestata, huwa bejn il-15 ta' Ottubru 2009 u l-14 ta' Ottubru 2014.
- 34 Għall-finijiet tal-eżami tan-natura ġenwina tal-użu tat-trade mark ikkontestata, il-Bord tal-Appell ibbażha ruħu fuq il-provi li ġejjin prodotti minn Wedl & Hofmann, hekk kif inħuma deskritti fid-deċiżjoni kkontestata:
- immaġini tal-iskrin provenjenti mis-sit internet “www.testarossacafe.com”, li jinkludu informazzjoni dwar il-postijiet ta’ operat ta’ Wedl & Hofmann inkwantu operatur tal-katina ta’ “barijiet-kafé” fl-Ewropea, fl-Asja, fl-Lvant Qarib u fl-Eġittu;
  - żewġ riproduzzjonijiet ta’ flokk tal-futbol li juri, fil-wiċċ ta’ quddiem, it-trade mark ikkontestata taħt forma kemmxjejn immodifikata;
  - verżjonijiet stampati ta’ reklami u ritratti ta’ “barijiet-kafé” tat-trade mark ikkontestata fil-Ġermanja, fl-Ungjerija jew fir-Renju Unit;
  - posta elettronika, datata Frar 2014, li tinkludi l-konferma ta’ ordni minn riklam għall-“kafé” tat-trade mark ikkontestata, li jammonta għal EUR 30 000, fil-magażin *Body & Soul*;
  - lista ta’ postijiet ta’ operat tal-“barijiet-kafé” tat-trade mark ikkontestata stabbiliti fil-Ġermanja, fl-Italja, fl-Ungjerija, fl-Awstrija u fir-Rumanija sa mill-2009;
  - erba’ verżjonijiet stampati ta’ riklam tal-katina kummerċjali Müller għall-“kafé” tat-trade mark ikkontestata;

- diversi tabelli maħruġa mill-proprietarju tat-trade mark ikkонтestata li jinsabu fil-ħarsa ġenerali ta' bejgħ għas-snin 2009 sal-2015 ta' prodotti koperti mit-trade mark ikkонтestata, b'mod partikolari t-tazzi tal-kartun, is-srievet tal-karti, kafé, tazzi, kapsoli, biros, pożati, ashtrays, lighters, arloġġi, keychains u umbrelel, bl-indikazzjonijiet korrispondenti tal-kwantitajiet u tal-valur tal-bejgħ tal-prodotti ddistribwiti kif ukoll tad-destinatarji ta' dan il-bejgħ;
  - diversi tabelli maħruġa mill-proprietarju tat-trade mark ikkонтestata li jiindikaw l-ordnijiet u l-kunsinni ta' tessuti tat-trade mark ikkонтestata għas-snin 2010 sal-2012, bl-indikazzjonijiet tal-prezzijiet u tad-destinatarji;
  - diversi ritratti ta' "barrijiet-kafé" tat-trade mark ikkонтestata;
  - lista għar-Rumanija ta' prodotti koperti mit-trade mark ikkонтestata mibjugħha lil-diversi konċessjonijiet, b'mod partikolari ħelwiet, reċipjenti tal-ħġieġ, porċellana, prodotti pubbliċitarji, basktijiet, umbrelel, lapel pins u ħwejjeġ bħal fradal, kpiepel u polos, bl-indikazzjonijiet tal-prezzijiet u tal-kwantitajiet korrispondenti;
  - ritratt li jirrappreżenta żewġ lighters li juru t-trade mark ikkонтestata;
  - skambju ta' posta elettronika bejn is-Sur W. u s-Sur F., li permezz tagħhom dan tal-aħħar jinforma lil W. li Wedl & Hofmann għandha numru tat-telefon sa mill-1998, li lejh jistgħu jsiru telefonati mill-Ġermanja, Franzia, l-Italja u l-Isvizzera;
  - fuljett pubbliċitarju tat-trade mark ikkонтestata li juri, b'mod partikolari, l-oriġini u l-proċess ta' fabbrikazzjoni u ta' produzzjoni tal-kafé tat-trade mark ikkonta. Dan il-fuljett juri wkoll kapsoli ta' kafé u prodotti oħra koperti mit-trade mark ikkonta, bħal kikkri u tazzi tal-kafé, magni tal-kafé, qratas taz-zokkor, kuċċarini, fradal, polos, basktijiet tal-waiters u srievet tal-karti, kollha jindikaw it-trade mark ikkonta;
  - spċifikazzjonijiet ta' konċessjoni tat-trade mark ikkonta li jiddeskrivu l-kunċett ta' konċessjoni kif ukoll prodotti differenti koperti mit-trade mark ikkonta.
- 35 Fl-ewwel lok, K. Hesse isostni li l-provi prodotti minn Wedl & Hofmann ma jistgħux juru l-eżistenza ta' użu ġenwin tat-trade mark ikkonta li jaqgħu fil-klassijiet 21 u 25, inkwantu dawn il-provi ta' użu ma humiex relatati ma' bejgħ lil konsumaturi finali. F'dan ir-rigward, K. Hesse isostni li t-tabelli ta' bejgħ prodotti bħala prova tal-użu minn Wedl & Hofmann huma indirizzati lil persuni li ngħataw liċenzja u lil persuni li ngħataw konċessjoni, iżda ma jipprovawx li l-prodotti ġew iddistribwiti lill-konsumaturi finali.
- 36 L-EUIPO u Wedl & Hofmann jikkontestaw l-argumenti ta' K. Hesse.
- 37 F'dan il-każ, jeħtieġ li jitfakkar li, ċertament, skont il-ġurisprudenza, l-użu ġenwin ta' trade mark jirrikjedi li din tintuża pubblikament u lejn direzzjoni esterna (sentenza tat-8 ta' Lulju 2004, VITAFRUIT, T-203/02, EU:T:2004:225, punt 39; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Marzu 2003, Ansul, C-40/01, EU:C:2003:145, punt 37). Huwa wkoll minnu li l-evalwazzjoni tan-natura ġenwina tal-użu tat-trade mark għandha tistrieħ fuq il-fatti u c-ċirkustanzi kollha xierqa sabiex jiġi stabbilit jekk l-operat kummerċjali tagħha huwiex reali, b'mod partikolari l-użu kkunsidrat bħala ġġustifikat fis-settur ekonomiku kkonċernat, sabiex jinżammu jew jinħolqu ishma fis-suq favur prodotti jew servizzi protetti mit-trade mark, in-natura ta' dawn il-prodotti jew ta' dawn is-servizzi, il-karakteristiċi tas-suq, il-firxa u l-frekwenza tal-użu tat-trade mark (ara s-sentenza tat-8 ta' Lulju 2004, VITAFRUIT, T-203/02, EU:T:2004:225, punt 40 u l-ġurisprudenza ccitàta).

- 38 Madankollu, il-Bord tal-Appell, fil-punti 58 u 59 tad-deċiżjoni kkontestata, jippreċiża ġustament li dan l-użu lejn direzzjoni esterna ma jfissirx li dan neċessarjament jirrigwarda użu dirett lejn il-konsumaturi finali. Fil-fatt, l-użu effettiv tat-trade mark ikun relatav mas-suq li fih il-proprietarju tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea jeżerċita l-attivitàjet kummerċjali tiegħu u li fih huwa jixtieq jagħmel użu mit-trade mark tiegħu. B'hekk, kunsiderazzjoni li tqis li l-użu lejn direzzjoni esterna ta' trade mark, fis-sens tal-ġurisprudenza, neċessarjament jikkonsisti fużu dirett lejn il-konsumaturi finali tkun teskludi t-trade marks użati biss fir-relazzjonijiet bejn kumpanniji mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 207/2009. Fil-fatt, il-pubbliku rilevanti li lilu huma intiżi li jiġu indirizzati t-trade marks ma jinkludix biss lill-konsumaturi finali, iżda wkoll speċjalisti, klijenti industrijali u utenti professionisti oħra (ara s-sentenza tas-7 ta' Lulju 2016, Fruit of the Loom vs EU IPO – Takko (FRUIT), T-431/15, mhux ippubblikata, EU:T:2016:395, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 39 F'dan ir-rigward, hekk kif jirriżulta mill-ħafna dokumenti pprovduti minn Wedl & Hofmann bħala prova tal-użu tat-trade mark ikkонтestata, huwa paċifiku li Wedl & Hofmann topera katina ta' "barijiet-kafé" permezz tal-konċessjonarji u tal-pussessuri ta' liċenzja tagħha u li l-prodotti kkontestati li jaqgħu taħt il-klassijiet 21 u 25 għad-dawn tal-aħħar, fil-qafas tal-ftehim ta' konċessjoni jew ta' liċenzja, fis-suq għal għand konsumaturi finali. B'hekk, konformément mal-ġurisprudenza stabbilita fil-punt 38 iktar 'il fuq, dan il-bejgħ jista' jistabbilixxi użu pubbliku u lejn direzzjoni esterna tat-trade mark ikkonċernata. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li Wedl & Hofmann ma kellhiex relazzjonijiet diretti mal-konsumaturi finali huwa mingħajr effett.
- 40 Din l-evalwazzjoni ma tistax titqiegħed inkwistjoni bl-argument ta' K. Hesse li l-fatt li Wedl & Hofmann issottoskriviet kuntratti ta' konċessjoni u ta' liċenzja li jimponu lill-pussessuri ta' liċenzja u lill-konċessjonarji numru ta' obbligi fil-qasam tar-reklamar, ta' promozzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni jqarreb il-kuntratti ta' konċessjoni jew ta' liċenzja għal semplice relazzjonijiet mal-impiegati u mal-aġġenti tagħha, li ma jistgħux jiġi kkwalifikati bħala użu serju fis-sens tal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 207/2009. F'dan ir-rigward, il-kuntratt ta' konċessjoni jew ta' liċenzja huwa mod ta' organizazzjoni kurrenti fil-ħajja tan-negożju li ma jistax jiġi kkunsidrat bħala użu purament intern. Jeħtieġ li jiġi kkonstatat li, f-suq bħal dak tal-Unjoni, sabiex jiġi ppreżervati żbokki għall-prodotti bħal dawk inkwistjoni f'dan il-każ, hija prassi li wieħed jindirizza ruħu, permezz ta' atti kummerċjali, lil professjonisti fis-settur, jiġifieri b'mod partikolari lil bejjiegħa. B'hekk, bħala prinċipju ma jistax jiġi eskuż li l-użu ta' trade mark muri permezz ta' atti kummerċjali indirizzati lil professjonisti fis-settur jista' jiġi kkunsidrat bħala użu konformi mal-funzjoni essenziali tat-trade mark fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 30 iktar 'il fuq (sentenza tas-7 ta' Lulju 2016, FRUIT, T-431/15, mhux ippubblikata, EU:T:2016:395, punt 50).
- 41 Fi kwalunkwe każ, jeħtieġ li jiġi indikat li mill-provi, b'mod partikolari mit-tabelli ta' tagħrif li juru l-kwantitajiet u l-valur tal-bejgħ tal-prodotti li ġew iddistribwiti mill-2009 sal-2015, jirriżulta li l-ordnijiet huma wkoll indirizzati lil kumpanniji minbarra dawk tal-konċessjonarji u tal-pussessuri ta' liċenzja. Dan juri li użu tat-trade mark ikkонтestat sar pubblikament u lejn direzzjoni esterna u mhux biss ġewwa l-imprija proprietarja tat-trade mark ikkонтestata jew f'netwerk ta' konċessjonarji u ta' pussessuri ta' liċenzja.
- 42 Għaldaqstant il-Bord tal-Appell ġustament ikkonkluda li l-kundizzjoni li t-trade mark tintuża pubblikament u lejn direzzjoni esterna tidher li ġiet issodisfatta f'dan il-każ.
- 43 Fit-tieni lok, K. Hesse isostni li l-provvista tal-prodotti kkontestati li jaqgħu fil-klassijiet 21 u 25 minn Wedl & Hofmann ma għandhiex raġuni kummerċjali oħra għajnej dik li tippromwovi prodotti jew servizzi oħra koperti mit-trade mark ikkонтestata, bħall-“kafé” jew is-servizzi “bar-kafé”. F'tali ċirkustanzi, it-tqegħid tat-trade mark ikkонтestata fuq dawn il-prodotti ma jikkontribwixx sabiex jinħolqq żbokk għalihom u lanqas sabiex issir distinzjoni fl-interess tal-konsumaturi bejn dawn il-prodotti u prodotti minn imprija oħra, peress li dawn il-prodotti ma jinsabux f'kompetizzjoni ma' prodotti jew servizzi oħra fis-suq.

- 44 L-EUIPO u Wedl & Hofmann jikkontestaw l-argumenti ta' K. Hesse.
- 45 Hija ġurisprudenza stabbilita li l-kunċett ta' użu ġenwin għandu jinftiehem bħala użu effettiv, skont il-funzjoni essenziali tat-trade mark, li hija li tiggarantixxi l-identità tal-oriġini ta' prodott jew ta' servizz lill-konsumatur jew lill-utent finali, billi tippermettilu jiddistingwi, mingħajr konfużjoni possibbli, dan il-prodott jew servizz minn oħrajn li għandhom oriġini oħra (sentenzi tal-11 ta' Marzu 2003, Ansul, C-40/01, EU:C:2003:145, punti 35 u 36, u tad-9 ta' Diċembru 2008, Verein Radetzky-Orden, C-442/07, EU:C:2008:696, punt 13).
- 46 F'dan ir-rigward, mill-kunċett ta' użu ġenwin jirriżulta li l-protezzjoni tat-trade mark u l-effetti li r-reġistrazzjoni tagħha toħloq il-possibbiltà ta' kontestazzjoni minn terzi ma jkunux jippersistu li kieku t-trade mark kellha titlef l-iskop kummerċjali tagħha, li jikkonsisti fil-ħolqien jew fil-ħarsien ta' żbokk għall-prodotti jew is-servizzi li fuqhom ikun hemm is-sinjal li jikkostitwixxiha fil-konfront tal-prodotti jew tas-servizzi provenjenti minn impriżi oħra (sentenzi tal-11 ta' Marzu 2003, Ansul, C-40/01, EU:C:2003:145, punt 37, u tad-9 ta' Diċembru 2008, Verein Radetzky-Orden, C-442/07, EU:C:2008:696, punt 14).
- 47 Għalhekk, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-użu ġenwin ġiex ippovvat jew le, jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk, permezz tal-użu tat-trade mark tagħha, l-impriżja għandhiex intenzjoni li toħloq jew li tħares żbokk għall-prodotti jew is-servizzi tagħha fl-Unjoni fil-konfront tal-prodotti jew tas-servizzi ta' impriżi oħra. Dan ma jkunx il-każ li kieku dawn il-prodotti jew dawn is-servizzi ma jidħlu fkompetizzjoni mal-prodotti jew mas-servizzi proposti fis-suq minn impriżi oħra, jiġifieri jekk ma jiġux – u ma jkollhomx vokazzjoni li jiġu – iddistribwiti fiċ-ċirkwit kummerċjali (sentenza tad-9 ta' Settembru 2011, Omnicare vs UASI – Astellas Pharma (OMNICARE CLINICAL RESEARCH), T-289/09, mhux ippubblikata, EU:T:2011:452, punt 68).
- 48 F'dan il-każ, anki li kieku ma jistax jiġi eskluż li l-prodotti kkontestati li jaqgħu fil-klassijiet 21 u 25 jistgħu jiġi proposti b'għan aħħari li jinċentivaw lill-pubbliku rilevanti għax-xiri tal-“kafé” mibjugħi minn Wedl & Hofmann, madankollu dawn ma humiex iddistribwiti sabiex jirrikumpensaw ix-xiri ta' prodotti oħra, bħall-“kafé”, u lanqas sabiex jippromwovu l-bejgħ ta' dawn tal-aħħar, peress li mill-provi prodotti minn Wedl & Hofmann, b'mod partikolari mill-materjal pubbliċitarju, mill-ispeċifikazzjonijiet ta' konċessjoni kif ukoll mil-listi ta' bejgħ jirriżulta li l-prodotti kkontestati li jaqgħu fil-klassijiet 21 u 25 jitniżżlu fil-kontabbiltà u huma proposti b'mod separat b'numri tal-ordnijiet, bi kwantitatjiet u b'valuri ta' bejgħ, indipendentement mill-“kafé”, anki meta jitqies li dan il-prodott jikkostitwixxi dak li huwa principally ikkummerċjalizzat minn Wedl & Hofmann. Dan il-bejgħ jikkostitwixxi att ta' użu oġġettivament xieraq sabiex jinħoloq jew jiġi ppreżervat żbokk għall-prodotti inkwistjoni li l-volum kummerċjali tagħhom, fid-dawl tat-tul u tal-frekwenza tal-użu, ma huwiex daqshekk baxx li jwassal għall-konklużjoni li huwa użu purament simboliku, minimu jew fittizju bl-iskop waħdieni li tinżamm il-protezzjoni tad-dritt għat-trade mark. Konsegwentement, hemm lok li jiġi kkunsidrat li dawn huma prodotti awtonomi intiżi li jkollhom żbokk għalihom infuħom.
- 49 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi osservat li l-prodotti kkontestati li jaqgħu fil-klassijiet 21 u 25 jikkompetu ma' prodotti oħra simili fis-suq, b'mod partikolari meta dawn jiġi pprovduti minn impriżi preżenti fis-suq tal-kafé, li jistgħu wkoll jipprovdu prodotti bħal “tazzi tal-kartun”, “kikkri għall-kafé”, “tazzi” jew “qratas taz-zokkor” sabiex jipromwovu l-prodott prinċipali, jiġifieri l-kafé.
- 50 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi kkunsidrat li, permezz ta' tali użu tat-trade mark tagħha, Wedl & Hofmann għandha l-intenzjoni li toħloq jew li tħares żbokk għall-prodotti kkontestati li jaqgħu fil-klassijiet 21 u 25 f'suq fejn huma preżenti impriżi oħra.

- 51 Għaldaqstant il-Bord tal-Appell ġustament ikkonkluda li d-dokumenti dwar l-użu tat-trade mark ikkонтestata prodotti minn Wedl & Hofmann kienu jipprovaw li t-trade mark ikkонтestata ma kinitx intużat b'mod purament intern għall-prodotti kkontestati li jaqgħu fil-klassijiet 21 u 25 bil-għan esklużiv tal-promozzjoni tal-bejgħ ta' prodotti oħra ta' Wedl & Hofmann.
- 52 Fit-tielet lok, Wedl & Hofmann issostni, essenzjalment, li hija pproduċiet il-prova tal-użu ġenwin għall-prodotti u s-servizzi kollha li għalihom it-trade mark għiet ir-reġistrata u mhux biss għall-prodotti kkontestati li jaqgħu fil-klassijiet 21 u 25. F'dan ir-rigward, hija ssostni li, kieku l-Bord tal-Appell kien evalwa korrettament id-dokumenti prodotti bħala prova tal-użu, huwa missu kkonkluda li kienet għiet prodotta prova suffiċjenti tal-użu għall-prodotti u s-servizzi kollha msemmija fil-punt 3 iktar 'il fuq.
- 53 L-EUIPO u K. Hesse jikkontestaw l-argumenti ta' Wedl & Hofmann.
- 54 F'dan il-każ, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li d-dokumenti prodotti minn Wedl & Hofmann ma jippermettux li jiġi kkunsidrat li l-Bord tal-Appell wettaq żball billi ma kkonstatax l-eżistenza ta' użu ġenwin tat-trade mark ikkонтestata għall-prodotti u s-servizzi minbarra l-prodotti kkontestati li jaqgħu fil-klassijiet 21 u 25.
- 55 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi enfasizzat li, hekk kif ikkonstata ġustament il-Bord tal-Appell, Wedl & Hofmann ipprovdiet biss indikazzjonijiet suffiċjenti għal dak li jikkonċerna l-post, it-tul ta' żmien u l-importanza tal-użu tat-trade mark ikkонтestata għall-prodotti li jaqgħu fil-klassijiet 21 u 25, b'mod partikolari taħt forma ta' tabelli li juru ammont ta' tagħrif distint dwar id-data, il-pajjiż, il-prodotti, il-prezzijiet u l-valur tal-bejgħ. Barra minn hekk, l-indikazzjonijiet li jinsabu fit-tabelli huma kkorroborati minn provi oħra bħal ritratti, riklam, fuljett pubbliċitarju u speċifikazzjonijiet ta' konċessjoni. Fir-rigward tal-kumplament tal-prodotti u servizzi, Wedl & Hofmann ma pproduċiet ebda prova li tippermetti li jiġi stabbilit li tali prodotti nbiegħu fi ħdan l-Unjoni matul il-perijodu rilevanti. Issa, kellha tkun Wedl & Hofmann li turi l-użu ġenwin tat-trade mark ikkonta, jiġifieri li tiprodu sensiela ta' provi bbaż-żiżi mhux biss fuq probabbiltajiet jew fuq preżunzjonijiet, iż-żda fuq elementi konkreti u oġġettivi, li jippermettulha li turi li l-imsemmija trade mark kienet tintuża b'mod effettiv u suffiċjenti fis-suq ikkonċernat (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-23 ta' Settembru 2009, acopat, T-409/07, mhux ippubblikata, EU:T:2009:354, punti 69 u 70).
- 56 B'mod iktar speċifiku, l-ewwel nett, jeħtieġ li jiġi osservat li ebda indikazzjoni u ebda prova tal-użu ġenwin tat-trade mark ikkonta għal dak li jikkonċerna l-prodotti li jaqgħu fil-klassijiet 7, 11, 20 u 28 ma jistgħu jiġi dedotti minn dawn id-dokumenti. F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi enfasizzat li Wedl & Hofmann ma pproduċiet ebda fattura, ebda formola ta' ordni, ebda figur ta' bejgħ, ebda figur pubbliċitarji u ebda tagħrif li jindikaw is-sehem mis-suq ta' prodotti bħal pereżempju "magni tad-dħin ta' kafé" li jaqgħu fl-klassi 7, "għamara" li taqa' fl-klassi 20, "logħob" u "ġugarelli" li jaqgħu fil-klassi 28, "kaffettieri" u "utensili ta' tisjir elettriċi" li jaqgħu fil-klassi 11 jew ukoll "prodotti għall-isport" li jaqgħu, b'mod partikolari, fil-klassi 28 ikkummerċjalizzati taħt it-trade mark ikkonta. Barra minn hekk, fir-rigward tal- "ħwejjeġ ta' għinni u ta' sport" li jaqgħu fil-klassi 25, il-Bord tal-Appell osserva ġustament, fil-punt 66 tad-deċiżjoni kkontestata, li, sabiex jiġi kkonstatat użu ġenwin ta' dawn il-prodotti, ma kienx suffiċjenti li jiġi prodott biss ritratt ta' flokk tal-futbol li juri t-trade mark ikkonta, mingħajr provi supplimentari.
- 57 It-tieni nett, fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu fil-klassi 34, jiġifieri "prodotti għal nies li jpejpju" u "sulfarini", jeħtieġ li jiġi osservat li, għalkemm jirriżulta, fil-fatt, mit-tabelli ta' tagħrif dwar il-bejgħ ipprovduti minn Wedl & Hofmann, bejgħ ta' "lighters" u ta' "ashtrays", il-volum tagħhom kien baxx ħafna, saħansitra kważi insinjifikanti, meta mqabel ma' dak ta' prodotti oħra bħall- "kafé", it- "tazzi tal-kartun" jew il- "kikkri" jew "tazzi" għall-kafé. Għaldaqstant il-provi ma jippermettux li jiġi kkonstatat jekk dan huwiex użu speċifiku, li ma jmurx lil hinn minn użu simboliku, jew minn użu suffiċjentement importanti li jista' jittieħed inkunsiderazzjoni.

- 58 It-tielet nett, fir-rigward tas-servizzi inklużi fil-klassi 38, jeħtieġ li jiġi osservat li l-prova tal-użu lanqas ma ġiet prodotta. Fil-fatt, ebda prova ma turi li Wedl & Hofmann ipprovdiet servizzi ta' telekomunikazzjoni. Kif jindika ġustament il-Bord tal-Appell, fil-punt 67 tad-deċiżjoni kkontestata, is-sempliċi fatt li Wedl & Hofmann ħolqot numru tat-telefon professjonali ma jipprovax li ġew ipprovdu servizzi ta' telekomunikazzjoni minn Wedl & Hofmann taħt it-trade mark ikkontestata. Fil-fatt, is-sempliċi tqegħid għad-dispożizzjoni ta' numru tat-telefon professjonali jew ta' linja diretta għall-klijentela ma jikkostitwixx servizz awtonomu pprovdut b'korrispettiv ta' remunerazzjoni mit-terzi u ma jistax jitqies li joħloq żbokk, iżda jista' jitqies biss bħala servizz ta' assistenza marbut mal-bejgħ tal-prodotti effettivament ikkummerċjalizzati mill-proprietarju tat-trade mark. Fl-assenza ta' fatturi jew ta' informazzjoni oġġettiva dwar id-dħul mill-bejgħ iġġenerat mill-offerta ta' dawn is-servizzi kif ukoll ta' preċiżazzjonijiet dwar id-data, il-kwantità jew il-kwalità tas-servizzi pprovduti, is-sempliċi skambju ta' posta elettronika msemmija fil-punt 34 iktar 'il fuq ma jippermettix li jiġi konkluż li t-trade mark ikkontestata kienet suġġetta għal użu ġenwin.
- 59 Fir-rigward tat-talba għal smigħ tas-Sur W., jeħtieġ sempliċement li jiġi enfasizzat li din għandha, fi kwalunkwe ipoteżei, tiġi miċħuda, peress li, fid-dawl tal-iżviluppi kollha hawn fuq, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx utilment tagħti deċiżjoni fuq il-bażi tat-talbiet, tal-motivi u tal-argumenti żviluppati.
- 60 Għaldaqstant il-Bord tal-Appell ġustament ikkonkluda li kienet assenti n-natura ġenwina tal-użu tat-trade mark ikkontestata għall-prodotti u s-servizzi minbarra l-prodotti kkontestati li jaqgħu fil-klassijiet 21 u 25.
- 61 Mill-punti preċedenti jirriżulta li, fil-Kawża T-910/16, il-motiv uniku invokat minn K. Hesse, ibbażat, esenzjalment, fuq il-ksur tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009, għandu jiġi miċħud. Konsegwentement, ir-rikors f'din il-kawża huwa miċħud.
- 62 Mill-punti preċedenti jirriżulta wkoll li, fil-Kawża T-911/16, l-ewwel motiv invokat minn Wedl & Hofmann, ibbażat, esenzjalment, fuq il-ksur tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 għandu wkoll jiġi miċħud.

***Fuq it-tieni motiv fil-Kawża T-911/16, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament***

- 63 Permezz tat-tieni motiv tagħha, Wedl & Hofmann issostni li huwa ferm iktar diffiċċi li jiġi pprovat l-użu ġenwin ta' trade mark miżmura minn impriżza żgħira bħal ma hija dik tagħha. Skont Wedl & Hofmann, peress li d-deċiżjoni kkontestata timponilha rekwiżiti onerużi fir-rigward tal-produzzjoni ta' provi tal-użu, din tikser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.
- 64 L-EUIPO u K. Hesse jikkontestaw l-argumenti ta' Wedl & Hofmann.
- 65 Hija ġurisprudenza stabbilita li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jirrikjedi li sitwazzjonijiet paragunabbi ma jiġux ittrattati b'mod differenti, iżda wkoll li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, sakemm tali trattament ma jkunx oggettivamente iġġustifikat (sentenzi tas-17 ta' Lulju 1997, National Farmers' Union *et al.*, C-354/95, EU:C:1997:379, punt 61, u tas-16 ta' Settembru 2004, Merida, C-400/02, EU:C:2004:537, punt 22).
- 66 Barra minn hekk, hemm lok li jiġi kkunsidrat li, filwaqt li l-użu ġenwin huwa evalwat każ b'każ, l-evalwazzjoni tiegħu ma jikkonsistix esenzjalment fli jittieħed inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ magħmul jew il-volum tal-bejgħ matul il-perijodu rilevanti. Fil-fatt, l-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 u r-Regola 22(3) tar-Regolament 2868/95 ma huma intiżi la biex jevalwaw is-suċċess kummerċjali, u lanqas biex jivverifikaw l-istratgeġja kummerċjali ta' impriżza, u lanqas ukoll sabiex

jirriżervaw il-protezzjoni tat-trade marks biss lill-impriżi kummerċjali li jkunu kwantitattivament importanti (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-8 ta' Lulju 2004, VITAFRUIT, T-203/02, EU:T:2004:225, punti 36 sa 38).

- 67 Issa, il-Bord tal-Appell qies li l-provi prodotti minn Wedl & Hofmann ma kinux suffiċjenti sabiex jipprova l-użu ġenwin tat-trade mark ikkontestata għall-prodotti u s-servizzi li jaqgħu fil-klassijiet 7, 11, 20, 21, 25, 28, 30, 34 u 38, bl-eċċeżżjoni tal-prodotti kkontestati li jaqgħu fil-klassijiet 21 u 25, wara li wettaq evalwazzjoni globali, billi ħa inkunsiderazzjoni l-fatturi kollha rilevanti għall-każ inkwistjoni.
- 68 Barra minn hekk, l-evalwazzjoni tan-natura ġenwina tal-użu ta' trade mark ma tistax toħloq differenza fit-trattament bejn impriżi kbar u żgħar, sa fejn tali evalwazzjoni tistieħ fuq il-fatti u ċ-ċirkustanzi kollha li jistgħu jistabbilxxu r-realtà tal-użu kummerċjali ta' din it-trade mark, b'mod partikolari l-użu meqjus bħala ġġustifikat fis-settur ekonomiku kkonċernat sabiex jinżammu jew jinħolqu ishma mis-suq favur prodotti jew servizzi protetti mit-trade mark, in-natura ta' dawn il-prodotti jew ta' dawn is-servizzi, il-karatteristiċi tas-suq, il-firxa u l-frekwenza tal-użu tat-trade mark (sentenza tat-8 ta' Lulju 2004, VITAFRUIT, T-203/02, EU:T:2004:225, punt 40).
- 69 Għalhekk ma jistax jiġi konkluż li hemm differenza fit-trattament fl-evalwazzjoni tal-użu ġenwin ta' trade mark skont id-daqs tal-impriża proprjetarja, sa fejn in-natura ġenwina tal-użu tagħha hija evalwata fir-rigward tal-istess kriterji oġġettivi deskritti fil-punt 68 iktar 'il fuq, ikun liema jkun id-daqs tal-impriża.
- 70 Mill-punti preċedenti jirriżulta li, fil-Kawża T-911/16, il-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament għandu jiġi miċħud. Peress li dan il-motiv kif ukoll dak ibbażat, essenzjalment, fuq il-ksur tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 ġew miċħuda, ir-rikkors f'din il-kawża huwa, konsegwentement miċħud kollu kemm hu.

### Fuq l-ispejjeż

- 71 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.
- 72 Fil-Kawża T-910/16, peress li K. Hesse tilef, hemm lok li jiġi kkundannat għall-ispejjeż, skont it-talbiet tal-EUIPO u ta' Wedl & Hofmann.
- 73 Fil-Kawża T-911/16, peress li Wedl & Hofmann tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata għall-ispejjeż, skont it-talbiet tal-EUIPO u ta' K. Hesse.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

- 1) Il-Kawzzi T-910/16 u T-911/16 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.**
- 2) Ir-rikorsi huma miċħuda.**
- 3) Fil-Kawża T-910/16, Kurt Hesse huwa kkundannat għall-ispejjeż.**
- 4) Fil-Kawża T-911/16, Wedl & Hofmann GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Gratsias

Labucka

Ulloa Rubio

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-4 ta' April 2019.

Firem